**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 45** **10 ta' Awwissu, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu fit-17.00 ta' wara nofsinhar.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Reno Buġeja - Kunsillier
Matthew Buġeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **45.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 45.1.1 | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **45.2** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 45.2.1 | Ma ġewx approvati minuti. |
| | |
| **45.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 45.3.1 | **Bins max-Xatt**<br>Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsilliera diversi kwotazzjonijiet u ritratti tal-bins li huma proposti li jiġu installati max-Xatt. Wara li ġew ikkunsidrati l-kwotazzjonijiet ippreżentati, il-Kunsilliera qablu li jintgħażel l-irħas kwotazzjoni.<br><br>**Ġnien ta' Port Ruman**<br>Is-Sindku ta' aġġornament dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fil-ġnien ta' Port Ruman. Spjega li ż-żona min-naħa t'isfel twessgħet, inbena l-ħajt tas-sejjieħ u huwa previst li jsir il-pavimentar. Huwa informa wkoll li għaddew is-servizzi tal-ilma f'parti minn Port Ruman.<br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li s-Sottokumitat ta' Port Ruman qiegħed jikkunsidra li ma jkunx hemm bżonn li jinqala' d-drenaġġ mill-roundabout sal-parti tan-nofs tar-roundabout. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti sabiex tinġabar l-opinjoni tagħhom dwar il-kwistjoni tad-drenaġġ.<br>Is-Sindku spjega wkoll li s-Sottokumitat ma jixtieqx li tinbidel it-triq u terġa' ssir bit-tarmac, filwaqt li hemm residenti li jixtiequ li d-drenaġġ jinbidel. Ġie nnotat ukoll li kien hemm residenti li qed joġġezzjonaw għall-bidla fil-bankina, minkejja l-kundizzjoni tagħha, minħabba tħassib li l-ilma jista' jidħol fil-garaxxijiet tagħhom.<br>Is-Sindku informa li huwa previst ukoll li jinbidel id-dawl fit-triq u li n-numru ta' fanali jiżdied minn madwar 20 għal madwar 40. Minkejja dan, is-Sottokumitat għadu qiegħed jesprimi tħassib li d-dawl ser ikun baxx. Is-Sindku sostna li kemm il-fanali kif ukoll il-bankina għandhom jinbidlu u li x-xogħol għandu jsir kif propost.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja informa lill-Kunsilliera li kien avviċinat minn diversi residenti ta' Port Ruman li sostnew li ma ġewx ikkonsultati minn ebda persuna u li ma jixtiqux li x-xogħol fit-triq ma jsirx. Huwa żied jgħid li jkun għaqli li jsir ix-xogħol tad-drenaġġ issa, qabel ma tinħoloq problema aktar serja fil-futur.<br>Wara diskussjoni, is-Sindku ppropona li tintbagħat ittra lir-residenti dwar id-drenaġġ, it-tarmac u d-dawl, indirizzata lir-residenti kollha li huma rreġistrati fir-reġistru elettorali. Ir-residenti jiġu mitluba jagħtu l-feedback tagħhom dwar dawn il-kwistjonijiet. L-ittri jinġabru mill-Kunsill sabiex jiġi evalwat il-feedback u jiġu kkunsidrati l-preferenzi tar-residenti.<br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-proposta. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Matthew Buġeja staqsa wkoll dwar is-siġar taż-żebbuġ li jinsabu fiż-żona u jekk humiex ser jiġu rilokati, peress li joħolqu ammont ta' ħmieġ. Is-Sindku spjega li jkun meħtieġ il-permess tal-ERA sabiex is-siġar jiġu rilokati u jiġu sostitwiti b'siġar oħra, u informa li ser jiġi kkunsidrat ukoll il-feedback tar-residenti dwar x'tip ta' siġar jippreferu.<br><br>**Proposta għal Binja tal-Kunsill**<br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fl-4 ta' Awwissu kellu laqgħa mal-OPM, fejn ippreżenta pjanta li turi proposta sabiex il-binja tal-Kunsill tiġi akkomodata f'binja li diġà hija mibnija, flimkien ma' partijiet oħra tal-proprjetà tal-madwar, fiż-żona fejn tinsab l-Università.<br>Il-proposta oriġinali kienet tinkludi diversi żoni, fosthom żewġ courts tat-tennis li bħalissa huma abbandunati u żewġ warehouses. Is-Sindku informa li l-pjanta ma ġietx milqugħa.<br>Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsilliera pjanta riveduta, fejn il-proposta tinkludi inqas proprjetà, court waħda tat-tennis minflok tnejn, kif ukoll il-possibbiltà li tinbena sala tal-Kunsill flimkien mal-binja eżistenti fejn ikun jista' jiġi rilokat il-Kunsill.<br>Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li din il-pjanta riveduta tiġi ppreżentata lill-OPM. Il-Kunsilliera qablu.<br><br>**Bajja tal-Magħluq – Żona għall-Klieb**<br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera dwar il-kwistjoni relatata maż-żona tal-għawm għall-klieb fil-Magħluq. Spjega li oriġinarjament iż-żona li setgħet tintuża mill-klieb kienet dik fejn hemm il-Qalb ta' Ġesù, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-Magħluq, u mhux iż-żona li bħalissa tidher indikata fuq il-website tal-Animal Welfare, fejn il-parti indikata tinsab fuq ir-ramel fiż-żona fejn jgħumu n-nies.<br>Is-Sindku irrimarka li kien hemm diġà xi kwistjonijiet bejn persuni li jkunu qegħdin jgħumu u attività organizzata minn grupp ta' persuni, fejn kienu nġiebu madwar 24 kelb sabiex jgħumu fiż-żona, minkejja li dik iż-żona mhijiex maħsuba għall-għawm tal-annimali.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat korrispondenza lill-Animal Welfare sabiex tiġi aġġornata l-informazzjoni fuq il-website dwar iż-żona li fiha jistgħu jgħumu l-klieb. Ġie deċiż ukoll li titwaħħal tabella li tindika b'mod ċar iż-żona bħala dog beach.<br>Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera li kien hemm diversi ilmenti relatati mal-ħmieġ taż-żwiemel li jinżlu jgħumu fil-baħar u li jħallu l-ħmieġ fuq ir-ramel u fiż-żona tal-madwar. Huwa qal li, jekk din is-sitwazzjoni tibqa' tippersisti, il-Kunsill ma jkunx jista' jkompli jippermetti li ż-żwiemel jgħumu fiż-żona.<br>Il-Kunsilliera preżenti nnutaw.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa żied jgħid li l-permess biex iż-żwiemel jitħallew jgħumu kien ingħata bil-kundizzjoni li jkun hemm monitoring min-naħa tal-Animal Welfare.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat li ser tibgħat korrispondenza lill-Animal Welfare u tiġbed l-attenzjoni tagħhom għall-ilmenti u l-kwistjonijiet imsemmija.<br><br>**Talba għal Permess għal Van tal-Ġelat**<br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien ġie avviċinat minn persuna li talbet permess sabiex topera van tal-ġelat nhar ta' Ħadd filgħodu fiż-żona ta' Xatt is-Sajjieda, fejn hemm junction box miżbugħa mal-art viċin il-latrina tal-Magħluq. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni, ġie nnotat li din iż-żona tintuża għall-monti tal-Ħadd u li ma jkunx xieraq li jingħata permess speċjali lil persuna partikolari, speċjalment meta jkun hemm persuni oħra fuq lista ta' stennija tal-monti tal-Hadd.<br>Il-Kunsill iddeċieda li ma jinħariġx il-permess mitlub.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa ma pparteċipax fid-diskussjoni u astjena mill-vot minħabba kunflitt ta' interess.<br><br>**Talba għal Drop-off Zone lejn St Peter's Pool**<br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien ġie avviċinat mill-Pulizija u minn uffiċjali tal-LESA rigward iż-żona fejn hemm żewġ daħliet ta' parkegg u li jwasslu lejn St Peter's Pool. Ġiet proposta l-possibbiltà li waħda minn dawn id-daħliet tinbidel f'drop-off zone sabiex jitnaqqas l-ipparkjar tal-vetturi fiż-żona.<br>Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ssuġġerixxa li minflok jiġu miżbugħa yellow lines fiż-żoni fejn hemm bżonn, sabiex jiġi rregolat l-ipparkjar.<br>Is-Sindku informa li ser jagħmel kuntatt ma' Transport Malta sabiex tingħata l-assistenza meħtieġa u jiġi identifikat fejn għandhom jiġu miżbugħa l-linji.<br><br>**Żjara lejn Zhoushan**<br>Is-Sindku ta' aġġornament dwar il-bidliet fid-dati tal-vjaġġ bejn Marsaxlokk u Zhoushan. Huwa informa lill-Kunsilliera li għall-vjaġġ ser jattendu s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Reno Buġeja. |
| | |
| **45.4** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** |
| 45.4.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tas-seduta l-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 08/2026, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Lulju. Dawn ġew approvati mill-Kunsillier Reno Bugeja bħala proponent u ssekondati mill-Kunsillier Matthew Buġeja. |
| | |
| **45.5** | **Korrespondenza** |
| 45.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv, bl-approvazzjoni tas-Sindku, qrat il-korrispondenza riċevuta mill-Kunsill.<br><br>Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Lambretta Club fejn ġie propost li ssir attività fil-Pjazza nhar is-6 ta' Settembru 2026, bejn il-11:00am u t-3:00pm. Ġie spjegat li l-muturi jkunu pparkjati b'mod allinjat fin-nofs tal-Pjazza, fuq naħa tal-bankijiet. Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni għall-attività proposta.<br><br>Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand rappreżentant ta' kumpanija li tipprovdi servizzi mużikali u orkestrali, fejn intalab permess sabiex jitwaħħal totem viċin il-knisja. Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni għat-talba. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna li talbet li jitwaħħlu QR codes mad-dog bins li jinsabu max-Xatt, sabiex jiġu rreklamati s-servizzi tan-negozju tagħha tal-pet sitting. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx mat-talba.<br><br>Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna li tixtieq torganizza 'Artisan Market Festival' li jinvolvi bejn 25 u 30 bejjiegħ, nhar is-26 ta' Settembru 2026, bejn il-5:00pm u nofsillejl, max-Xatt. Il-Kunsill qabel li l-attività ssir fiż-żona faċċata tas-Sorijiet, max-Xatt.<br><br>Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand 'Bongu Malta' fejn il-Kunsill ġie mistieden japplika sabiex jiġi organizzat programm televiżiv relatat mal-lokalità. Il-Kunsilliera qablu li ssir applikazzjoni sabiex il-programm isir waqt il-Mixgħela tal-Milied, fid-29 ta' Novembru. |
| | |
| **45.6** | **Approvazzjoni tal-Applikazzjoni tal-Skema Karnival SPI/SCI/06/2026** |
| 45.6.1 | L-applikazzjoni mimlija ntbagħtet permezz ta' email qabel il-laqgħa sabiex il-Kunsilliera jkollhom l-opportunità jirreveduha. Il-Kunsilliera qablu mal-applikazzjoni. |
| | |
| **45.7** | **Approvazzjoni għat-Tħassir ta' Ċekkijiet Skaduti mill-Kotba tal-Kontijiet** |
| 45.7.1 | Waqt diskussjoni live mal-Accountant, li pparteċipa permezz ta' komunikazzjoni online waqt il-laqgħa, ġie spjegat li fil-Management Letter ġie nnotat li l-Kunsill għandu stale cheques li jmorru lura diversi snin u li, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, dawn jistgħu jitneħħew mill-kontijiet.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dawn l-istale cheques jitneħħew mill-kontijiet. |
| | |
| **45.8** | **Management Letter – Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Risposti tal-Kunsill** |
| 45.8.1 | Il-Management Letter, flimkien mar-risposti tal-Kunsill, intbagħtet permezz ta' email lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa sabiex ikollhom l-opportunità jirreveduha.<br>L-Accountant imqabbad mill-Kunsill ipparteċipa live waqt il-laqgħa u spjega r-risposti ppreparati li ser jintbagħtu flimkien mal-Management Letter.<br>Il-Kunsilliera kollha qablu mar-risposti ppreżentati. |
| | |
| **45.9** | **Jum Marsaxlokk – Diskussjoni u Approvazzjoni dwar il-Ġieħ u r-Rikonoxximenti** |

| | |
|---|---|
| 45.9.1 | Infetħu u nqraw l-applikazzjonijiet mimlija li l-Kunsill irċieva għall-Ġieħ Marsaxlokk.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsilliera kollha qablu li l-Ġieħ Marsaxlokk jingħata lis-Sur Joseph Zahra, filwaqt li r-Rikonoxximenti jingħataw lis-Sinjura Eunice Saliba Dimech, lis-Sur Anthony Sciberras u lil Dun Ġorġ Spiteri. |
| | |
| **45.10** | **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv** |
| 45.10.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment rigward il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, li tista' tkun persuna impjegata mal-Kunsill.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet lil Caroline Desira, impjegata tal-Kunsill, sabiex tinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.<br>Il-Kunsilliera qablu mal-proposta. |
| | |
| **45.11** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 45.11.1 | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li hemm nuqqas ta' kenniesa min-naħa tad-Dipartiment tat-Tindif u staqsiet meta din il-problema ser tiġi solvuta. Is-Sindku spjega li qed iżomm kuntatt mal-persuni responsabbli fi ħdan id-Dipartiment tat-Tindif sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ġibed l-attenzjoni għal Triq Melqart, li bħalissa hija one-way fid-direzzjoni 'l isfel, fejn hemm kantuniera Triq San Ġużepp. Huwa spjega li x-xufiera li jkunu ġejjin min-naħa ta' Tas-Silġ qed jiltaqgħu ma' vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Melqart, peress li x-xufiera li jkunu nieżlin minn Triq Melqart ma jkunux jafu li t-triq ser tinbidel għal two-way sabiex tkompli lejn Tas-Silġ.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat li ser titwaħħal tabella fi Triq Melqart, fejn hemm il-kantuniera ma' Triq San Ġużepp, sabiex tindika li t-triq ser tinbidel għal two-way.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja żied jgħid li għandha ssir ukoll marka fuq l-art sabiex jiġi indikat dan. Il-Kunsilliera qablu maż-żewġ proposti.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa jekk jistax isir speed bump fi Triq Axtart, hekk kif wieħed idur minn Triq Melqart, fejn hemm zebra crossing. Kif ukoll issir oħra fi Triq Melqart lejn l-aħħar tat-triq, qabel id-dawra lejn Triq Axtart. Is-Sindku informa li ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex din il-possibbiltà tiġi kkunsidrata.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni dwar id-direzzjoni tat-toroq Triq Duncan, Triq San Ġużepp u Triq il-Kajjik.<br>Huwa spjega li l-parti ta' Triq il-Kajjik li tinsab bejn Triq San Ġużepp u Triq Duncan hija two-way, filwaqt li parti oħra ta' Triq il-Kajjik hija one-way għall-vetturi li jidħlu minn Triq Gulino Maniscalco. Huwa rrimarka li s-sitwazzjoni preżenti qed toħloq periklu, peress li vetturi li jkunu ġejjin minn direzzjonijiet opposti qed |

| | |
|---|---|
| | jiltaqgħu f'nofs il-parti two-way ta' Triq il-Kajjik, li mhijiex wiesgħa biżżejjed biex takkomoda traffiku f'żewġ direzzjonijiet.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-parti ta' Triq il-Kajjik li bħalissa hija two-way tinbidel għal one-way. Id-direzzjoni tkun minn Triq San Ġużepp lejn Triq il-Kajjik, bl-eċċezzjoni tal-vetturi li jkunu sejrin lejn Triq Duncan.<br><br>Il-Viċi Sindku ppproponiet li tiġi installata sinjalazzjoni ta' Give Way fiż-żona ta' Delimara, fejn tinsab il-benniena tal-kappella, viċin il-ġibjun fil-koordinati 35°50'31.6"N 14°33'15.4"E. Is-Sindku informa li ser jikkuntattja lil Transport Malta dwar din it-talba.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ġibed l-attenzjoni għall-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabbilimenti tar-ristoranti li mhux dejjem qed jinżammu ġewwa l-proprjetà tagħhom, iżda qed jitqiegħdu fiż-żona tal-moll fejn jirmiġġaw id-dgħajjes, fuq il-konkos viċin il-ħoloq.<br>Is-Sindku informa li ser iressaq din il-kwistjoni fil-laqgħa li jmiss sabiex tiġi diskussa aktar fid-dettall u tinstab soluzzjoni xierqa.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa dwar ir-raġunijiet li għalihom qed jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet u dwar in-numru ta' ċitazzjonijiet li qed jinħarġu permezz tal-kameras li huma konnessi mal-LESA. Is-Segretarju Eżekuttiv informat li ser tipprovdi rendikont relatat ma' dawn iċ-ċitazzjonijiet.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa jekk jistgħux jitwaħħlu tabelli bl-indikazzjoni "No Entry – Fishermen Only" bil-lingwa Ingliża fuq il-mollijiet. Is-Sindku informa li s-sinjali eżistenti ser jinbidlu.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja staqsa dwar il-liġi relatata mal-ħinijiet tal-monti, li kienet ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Is-Sindku informa li għandha tintbagħat korrispondenza lill-Kabinett dwar din il-kwistjoni. |
| | |
| **45.12** | **Planning Authority** |
| 45.12.1 | Il-Kunsillier Matthew Buġeja talab lill-Kunsillier Daniel Zerafa sabiex jiċċekkja l-istat tal-applikazzjoni tal-ippjanar relatata mas-San Souci, peress li kienu saru diskussjonijiet mal-perit inkarigat mill-proġett sabiex il-ġenb tal-binja jiġi trattat b'mod terraced. Huwa talab ukoll li jsir aġġornament dwar l-istat tal-applikazzjoni.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa li l-applikazzjoni bħalissa tinsab fl-istadju ta' "Awaiting Recommendation". |
| | |
| **45.13** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 45.13.1 | Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fl-10 ta' Settembru fl-16.30pm.<br>Il-laqgħa ntemmet, wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 10 ta’ Settembru, 2026.

**IFFIRMATA**
______________________
**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
______________________
**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**
______________________
***Proponent***

**IFFIRMATA**
______________________
***Sekondant***